Kunsill Lokali –ISLA– Local Council

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ISLA

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 70

**21 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsilli Lokali L-Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2/4, Triq San Ġużepp L-Isla, ISL1229, nhar it-Tlieta 21 ta' Mejju 2024 fl-4:30 pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Clive Pulis - | Sindku |
| Anthony Bonavia - | Viċi Sindku |
| Joeline Attard - | Kunsillier |
| Malcolm Gatt - | Kunsillier |
| Corinne Buhagiar - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA ( Skont Ordni Permanenti 14A (3) ):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Graziella Gellel –Segretarju Eżekuttiv

2,/4, Triq San Guzepp, Isla, ISL1229, Malta.

☎: +356 21662424 @ :isla.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/

**Minuti**

Is-Sindku Clive Pulis ippresjeda din is-seduta Nru 70 għad-disa' leġislatura

| | |
|---|---|
| **70.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġiji** |
| | Ma kienx hemm |
| **70.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 70.2.1 | Kopja tal-Minuti tas-seduta numru 69, intbgħatu lill-kunsilliera permezz ta' imejl u ġew approvati mill-kunsilliera is-Sinj Corinne Buhagiar u ġew issekondti mill-kunsilliera s-Sa. Joeline Attard. |
| **70.3** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 70.03.01 | Is-Sindku ikkomunika mal-kunsilliera preżenti l-iskema sabiex issir Clean Up day qabel il-festa f'Settembru, l-ewwel sibt ta' Settembru 2024 , sabiex is-segretarju eżekuttiv tapplika għal-fondi ta' din l-iskema dwar lokalitajiet aktar nodfa ta' 1500 ewro. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din l-iskema. |
| 70.03.02 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li hemm skema oħra li talaq fil-31 ta' Mejju 2024 sabiex napplikaw għas-siġar taż-żebbuġ u ċ-ċitru. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandhom jitpoġġew fuq il-forti San Mikiel, fix-xatt u fil-gardjola. |
| 70.03.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li kien preżenti fil-laqgħa ta' Digital Week fil-Marsa. Xtaqu li ssir attivita fix-xatt tal-Isla is-Sibt dwar attivita digitali, il-Kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni. |
| 70.03.04 | Is-sindku informa lil kunsilliera preżenti li l-kunsill irċieva imejl minn għand il-PA fejn il-kunsill ġie infurmat li kien hemm appell dwar l-arblu li tal-Melita li ser jitpoġġa fuq il-bejt tal-fondazzjoni tal-kottonera. |
| 70.03.05 | Is-sindku informa lil kunsilliera li chairperson is-Sur Joe Mizzi stieden is-sindki tal-kottonera sabiex jerġgħu jiltaqgħu u jidiskutu l-istatut tal-kunsilli bħal ma kienet saret fil-laqgħa preċedenti mal-kunsilliera u s-segretarji eżekuttivi. |
| 70.03.06 | Is-Sindku ressaq imejl dwar s-substation li l-enemalta qed jipropono li issir fejn hemm fetħa żgħira faċċata tal-ġnien il-gardjola. Is-Sindku bagħat il-pjanti li intbgħatu lil kunsill lill-kunsilliera kollha. Dawn applikaw għad-DNO iżda xorta irridu jirċievu minn għand il-heritage. Din is-substation hemm bżonn li issir sabiex ikun hemm aktar saħħa fis-sistema tal-eletriku u l-cables tad-dawl. |

| | |
|---|---|
| 70.03.07 | Is-Sindku informa lil kunsilliera li wara li ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti dwar bollards sabiex issiru fi Triq is-Sur u l-kunsill kien oġġezzjona, is-Sur Kurt Pace bagħat imejl bl-avukat sabiex terġa tiġi diskussa din is-sitwazzjoni tal-bollards fil-kantuniera u fuq double yellow lines fejn hu kien diġa ħa parir mit-TM. Is-Sur Pace jixtieq li issiru l-istess tar-rubber iżda suwed. Il-Kunsilliera iddiskutew aktar fit-tul u deċidew li ma jkunx hemm oġġezzjoni ġa la darba dawn il-bollards tar-rubber ser ikunu fuq il-yellow lines. Is-Sur Kurt Pace offra li jbiddel. Il-fanali tat-triq għal-dawk antiki għas-spejjes tiegħu, bħal ma diġa saru fi Triq San Ġiljan k/m Triq is-Sur. Apparti minnek is-Sur Pace offra li għandu xi kannuni tal-ħadid u jixtieq li jitpoġġew fit-trunċieri. Il-Kunsilliera qablu unanimament dwar dan. |
| 70.03.08 | Is-sindku informa lil-kunsilliera preżenti li flimkien mal-viċi sindku u mas-segretarju eżekuttiv iltaqgħu mas-Sur Daniel Tabone tal-project Green sabiex jispjega kif ser issir il-Ġnien fil-kottonera fejn l-isport complex u min għandu xi ideajat jew mistoqsijiet jista jressaqhom lil-Project Green. |
| 70.03.09 | Is-sindku ressaq imejl li intbgħatet mis-Sur Mark Chetcuti dwar demolition fi Triq Santa Katerina sabiex ikun hemm oġġezzjoni minn naħa tal-kunsill. Iż-żmien ta' din l-applikazzjoni tal-PA sabiex jidaħħlu xi appelli kien diġa magħluq meta bagħat l-imejl is-Sur Mark Chetcuti.. |
| **70.4** | **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| 70.04.01 | Is-Sindku / Segretarju Eżekuttiv<br>Kunsill Lokali Isla<br>2/4, Triq San Gużepp<br>Isla<br><br>Jiena Joeline Attard nixtieq insaqsi lis-sindku / segretarju eżekuttiv jekk id-dawl tad-daħla tal-Isla jistax issir xi tip ta' ilqugħ minħabba li jidħol dirett fid-djar tan-nies.<br><br>Is-Sindku infurma lis-Sa. Joeline Attard li l-Enemalta ser ikunu infurmati. |

| | |
|---|---|
| **70.5** | **Rapporti** |
| 70.05.01 | Is-Segretrju Eżekuttiv resqgħet ir-rapport tal-finanzi tat-tieni kwart fejn ġie approvat mis-Sa Joeline Attard u ġie is-sekondat mis-Sa. Corinne Buhagiar. |
| 70.05.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet b'imejl rapporti tal-*Purchase Order* t' April 2024 u l-petty cash t' April 2024 fejn ġew approvati mill-Viċi Sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill- kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **70.6** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti** |
| 70.6.1 | Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda numru 5/2024 fejn intbgħatet permezz ta' imejl lil kunsilliera kollha u l-pagamenti ġew approvati mill-viċi sindku is-Sur Anthony Bonavia u s-sekondati mill-kunsilliera is-Sinj. Corinne Buhagiar. |
| **70.07** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 70.07.1 | Is-Seduta ntemmet fil-5:30pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ġunju 2024 fil-4:45p.m. |

Konfermati, illum 28 ta' Ġunju 2024

IFFIRMATA__________
Clive Pulis
Sindku

IFFIRMATA________
Graziella Gellel
Segretarju Eżekuttiv